MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru 28/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jean Pierre Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 28 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Jean Pierre Abdilla, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi lejn l-ahhar tax- xahar ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla iddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid- droga herojina. Abdilla ikkomunika ma' certu Jean Claude Agius u qallu li kien lest li jbieghlu kilo herojina bil-prezz ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) il- gramma. Huma ftehemu li qabel ma jikkonkludu din l-operazzjoni kellhom jiltaqghu sabiex l-akkuzat iforni lil Agius b'*sample* tad-droga msemmija li kellha tigi ezaminata sabiex jigi verifikat jekk kienitx effettivament

tiswa l- ammont li kien qed jitlob l-akkuzat. F'kaz ta' qbil dwar il-kwalità tad-droga, Agius kellu imbaghad jghaddi s-somma ta' hamsa w ghoxrin elf lira (Lm 25,000) lill-akkuzat li, min-naha tieghu, kellu jfornih b'kilo herojina. L-akkuzat ma kienx licenzjat skond il-ligi biex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza f'Malta. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fl-1 ta' Marzu ta' dik is-sena, Jean Pierre Abdilla ltaqa' ma' Jean Claude Agius fl- inhawi tal-*Luqa Bocci Club* u ghaddielu karta kulur id-deheb li fiha kien hemm, kif miftiehem, is-*sample* tad-droga herojina fl-ammont ta' 0.59 grammi. Fortunatament il-pjan ta' l-akkuzat waqaf hawn peress li ma rnexxielux jiftiehem fuq il-modalità tal-hlas ma' Agius sabiex ikun jista' jfornih b'kilo tad- droga msemmija.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il- kommissjoni tieghu.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova,

kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl- artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 141, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, w senjatament fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005), jew f'xi gurnata vicin ta' dik id-data, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla ltaqa' ma' Jean Claude Agius fl-inhawi tal-*Luqa Bocci Club* u ghaddielu karta kulur id-deheb li fiha kien hemm droga herojina fl-ammont ta' 0.59 grammi. Ta' din id-droga Agius, xi jiem wara, hallas lill-akkuzat l- ammont ta' ghoxrin lira (Lm 20).

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew

jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil- pussess ta' awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar- Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 141, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fil-granet ta' qabel, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien fil- pussess ta' ammont sostanzjali ta' droga herojina mill-liema droga huwa ghadda 0.59 grammi lil certu Jean Claude Agius peress illi d-droga msemmija kienet intiza biex tigi traffikata.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w

ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; w b'dan ukoll li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; w b'dan ukoll li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-

oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi w fl-artikoli 141, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi f'xi zmien fil-bidu tas-sena elfejn u hamsa (2005), jew fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla avvicina lil Josephine Tonna li kienet tahdem bhala *Immigration Officer* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta w staqsieha jekk rieditx taqla xi lira zejda billi thalli persuni Marokkini jidhlu Malta minghajr id- dokumentazzjoni necessarja. Tonna rrifjutat li taghmel hekk. Madankollu Jean Pierre Abdilla ma qatghax qalbu w ftit gimghat wara rega' ghamel l- istess proposta lil Josephine Tonna izda din kkonfermat li ma rieditx li jkollha x'taqsam f'dan il-pjan kriminali ta' l-akkuzat.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ittanta li jhajjar lill- ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel id-delitt ta' korruzzjoni, izda l-ufficjal jew impjegat pubbliku m'ghamilx id-delitt; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, ittanta li jhajjar lill-ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel id-delitt ta' korruzzjoni, izda l-ufficjal jew impjegat pubbliku m'ghamilx id-delitt; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa sitt snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 120(2)(1), 115(b), 18, 141, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fit-tlettax ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien iddikjara mad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kellu fil-pussess tieghu kollezzjoni ta' hamsa u hamsin ghasfur protett u ibbalzmat, uhud minnhom protetti b'mod specjali. L-akkuzat iddikjara li din il-kollezzjoni kienet tinsab fir-residenza tieghu "Sunny Side" fi Triq Hompesch, iz-Zurrieq. Fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), jew f'xi zmien qabel, Abdilla ddispona minn xi tmienja w tletin minn dawn l-ghasafar (fosthom diversi mis-segwenti speci: kuccarda, seqer, ligrett, tajra safra, qerd in-nahal, kokka, kwakka, daqquqa, russett, baghadan, *kingfisher*, farrug u borka) minghajr ma ottjena l-awtorità tad-Direttur imsemmi.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli, minghajr l-awtorità tad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, moghtija bir-

rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegh, offra ghall-bejgh, partat jew xort'ohra iddispona minn xi ghasafar li huma protetti taht ir-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg, fosthom ghasafar inkluzi fl-Iskeda VII ta' dawn ir-Regolamenti; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli, minghajr l-awtorità tad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, moghtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegh, offra ghall- bejgh, partat jew xort'ohra iddispona minn xi ghasafar li huma protetti taht ir-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg, fosthom ghasafar inkluzi fl-Iskeda VII ta' dawn ir- Regolamenti; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal multa ta' mhux anqas minn hamsin lira (Lm 50) Maltija imma mhux iktar minn elf lira (Lm 1,000) Maltija w l-konfiska tal-*corpus delicti* w s- sospensjoni tal-licenzja jew il-permess ghal zmien mhux anqas minn sena, skond dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 12(4), 25(2)(a) u 25(3), *proviso* tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (Avviz Legali 146 ta' l-1993) u fl-artikoli 23, 30(1), 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-granet u l-gimghat ta' qabel, l- akkuzat Jean Pierre Abdilla kien fil-pussess u kien qieghed jahzen gewwa *chest freezer* f'garage taht ir-residenza tieghu

"Sunny Side" fi Triq Hompesch, iz-Zurrieq kwantità ta' karkassi ta' ghasafar protetti bil- ligi, uhud minnhom protetti b'mod specjali (fosthom diversi mis-segwenti speci: *Podiceps nigricollis*, *Phalacrocorax carbo*, *Ardea purpurea*, *Nycticorax nycticorax*, *Tadorna tadorna*, *Circus aeruginosus*, *Falco peregrinus*, *Falco subbuteo*, *Falco tinnunculus*, *Falco naumanni*, *Larus fuscus*, *Cuculus canorus*, *Caprimulgus europeus*, *Delichon urbica*, *Oriolus oriolus*). Dawn il-karkassi la gew importati b'mod legittimu, la kienu mrobbija fil-maqful u lanqas kienu registrati mad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli kellu fil-pussess tieghu ghasafar, hajjin jew mejtin (fosthom ghasafar inkluzi fl-Iskeda VII ta' dawn ir-Regolamenti), li ma kienux ghasafar inkluzi fl- Iskedi I, II, III li jinsabu mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg u li ma gewx importati b'mod legittimu u ma kienux imrobbija fil-maqful u ma kienux registrati mad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli kellu fil-pussess tieghu ghasafar, hajjin jew mejtin fosthom ghasafar inkluzi fl-Iskeda VII ta' dawn ir-Regolamenti), li ma kienux ghasafar inkluzi fl-Iskedi I, II, III li jinsabu mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg u li ma gewx importati b'mod legittimu w ma kienux imrobbija fil-maqful u ma kienux registrati mad-Direttur tad- Direttorat ghall-

Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal multa ta' mhux anqas minn hamsin lira (Lm 50) Maltija imma mhux iktar minn elf lira (Lm 1,000) Maltija u l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-licenzja jew il-permess ghal zmien mhux anqas minn sena, skond dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 12(1), 25(2)(a) u 25(3), *proviso*, tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (Avviz Legali 146 ta' l-1993) u fl-artikoli 23, 30(1), 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-granet u l-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien fil-pussess u kien qieghed jahzen gewwa *chest freezer* f'garage taht ir-residenza tieghu "Sunny Side" fi Triq Hompesch, iz-Zurrieq karkassa ta' lifgha (*Elaphe situla*) li hija rettilu protett bil-ligi.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli gera wara, qabad jew ipprova jaqbad, qatel jew ipprova joqtol, kellu fil-pussess tieghu, biegh bi kwalunkwe mod, xtara, partat, importa jew esporta xi speci, jew parti jew derivativi ta' dawk l-ispeci, li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli gera wara, qabad jew ipprova jaqbad, qatel jew ipprova joqtol, kellu fil-pussess tieghu, biegh bi kwalunkwe mod, xtara, partat, importa jew esporta xi speci, jew parti jew derivativi ta' dawk l- ispeci, li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal multa ta' mhux inqas minn hamsa u ghoxrin lira (Lm 25) Maltija, skond dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 5(2) u 9(2) tar-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Harsien ta' Rettili (Avviz Legali 76 ta' l- 1992) u fl-artikoli 23, 30(1), 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-granet u l-gimghat ta' qabel, l- akkuzat Jean Pierre Abdilla kien fil-pussess u kien qieghed jahzen gewwa *chest freezer* f'garage taht ir-residenza tieghu "Sunny Side" fi Triq Hompesch, iz-Zurrieq karkassa ta' lifgha (*Elaphe situla*) li hija rettilu protett bil-ligi.

Illi fil-perijodu msemmi, l-akkuzat Jean Pierre Abdilla kien kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija bid-dmir li jissorvelja li dan ir-reat ma jsirx u d-dmir li jimpedixxi il-kommissjoni tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Jean Pierre Abdilla sar hati talli, kontra l-ligi, gera wara, ha jew ipprova jiehu, qatel jew ipprova joqtol, ipposjeda, ittrasporta, b'kull mod biegh, xtara, partat, offra ghall-bejgh jew ghat- tpartit, importa jew esporta xi ezemplari ta' speci, elenkati fl-Iskeda V tar- Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali; b'dan li bhala

ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Jean Pierre Abdilla talli, kontra l-ligi, gera wara, ha jew ipprova jiehu, qatel jew ipprova joqtol, ipposjeda, ittrasporta, b'kull mod biegh, xtara, partat, offra ghall-bejgh jew ghat-tpartit, importa jew esporta xi ezemplari ta' speci, elenkati fl-Iskeda V tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l- kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal multa ta' mhux anqas minn mitejn lira (Lm 200) Maltija izda mhux izjed minn elf lira (Lm 1,000) Maltija, skond dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 19(1)(a) u 39(2)(a) tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali (Avviz Legali 257 ta' l-2003) u fl-artikoli 23, 30(1), 141 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il- ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'sebgha (7) voti favur u b' zewg ( 2) kontra sabu lill-akkuzat Jean Pierre Abdilla hati tal-Ewwel, tat-Tieni w tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w b'sebgha' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabuh hati tar-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza izda b'dan li r-reat ma kienx wiehed kontinwat u li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tal-Hames, tas-Sitt, tas-Seba' w tat-Tmin Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Jean Pierre Abdilla :-

1. hati talli lejn l-ahhar tax-xahar ta' Frar tas-sena 2005, kif ukoll fil-gimghat ta' qabel, assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jitraffika medicina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond l- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. hati talli, fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005), jew f'xi gurnata vicin ta' dik id-data, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d- droga herojina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza l-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dan skond it-Tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza.

3. hati talli fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fil-granet ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id- droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id- droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; w b'dan ukoll li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

4. hati talli f'xi zmien fil-bidu tas-sena 2005, jew fil-gimghat ta' qabel, ittanta li jhajjar lill-ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel id-delitt ta' korruzzjoni, izda l-ufficjal jew impjegat pubbliku m'ghamilx id-delitt; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, izda b'dan li r-reat ma kienx wiehed kontinwat u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

5. hati talli fit-tlieta ta' Mejju tas-sena 2005, jew f'xi zmien qabel minghajr l- awtorità tad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, moghtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegh, offra ghall-bejgh, partat jew xort'ohra iddispona minn xi ghasafar li huma protetti taht ir- Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg, fosthom ghasafar inkluzi fl- Iskeda VII ta' dawn ir-Regolamenti; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond il- Hames Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

6. hati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-granet u l- gimghat ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu ghasafar, hajjin jew mejtin (fosthom ghasafar inkluzi fl-Iskeda VII tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenech Selvagg) li ma kienux ghasafar inkluzi fl-Iskedi I, II, III li jinsabu mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg u li ma gewx importati b'mod legittimu w ma kienux imrobbija fil-maqful u ma kienux registrati mad-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien ta' l-Ambjent fi hdan l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond is-Sitt Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

7. hati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena 2005, kif ukoll fil-granet u l-gimghat ta' qabel, gera wara, qabad jew ipprova jaqbad, qatel jew ipprova joqtol, kellu fil-pussess tieghu, biegh bi kwalunkwe mod, xtara, partat, importa jew esporta xi speci, jew parti jew derivativi ta' dawk l-ispeci, li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond is-Seba' Kap tal-Att ta' l-Akkuza.

8. hati talli fit-3 ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif ukoll fil-granet u l- gimghat ta' qabel, kontra l-ligi, gera wara, ha jew ipprova jiehu, qatel jew ipprova joqtol, ipposjeda, ttrasporta, b'kull mod biegh, xtara, partat, offra ghall-bejgh jew ghat-tpartit, importa jew esporta xi ezemplari ta' speci, elenkati fl-Iskeda V tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali; b'dan li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta dan ir-reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, w dana skond it-Tmien Kap tal-Att ta' l-Akkuza

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi r-reati taht l-Ewwel u t-tielet Kap huma assorbiti fir-reat ta' traffikar taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena billi servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess ir-reat taht it-Tieni Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali kif ukoll li bejn ir-reati taht is-Seba' w t-Tmin Kapi hemm il-konkors formali jew idejali billi l-istess fatti taw lok ghall-ksur tal-ligi taht zewg regolamenti differenti.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Anglu Farrugia**, li jinsabu kollha registrati w cioe' :-

1. il-Qorti qatt ma kellha quddiemha l-kilo jew in-nofs kilo eroina li ssemma waqt il-guri;
2. li l-hati kellu kondotta nettissima;
3. li l-verdett fuq l-ewwel erba' kapi kien ta' seba' voti kontra tnejn u fil-kaz tar-raba' kap it-tentar ghall-korruzzjoni kien sar b'mod generali w f'okkazzjoni ta' darba biss;
4. illi l-hati huwa missier ta' familja b'zewgt itfal;
5. illi kien irrezenja mill-Korp tal-Pulizija fil-bidu tal-investigazzjoni kontra tieghu mhux bhal ma ghamel ix-xhud principali;
6. illi l-hati ma kellu ebda kontroll fuq l-incident li nqala' waqt il-guri w li f'kull kaz il-Qorti kienet mal-ewwel hadet il-passi mehtiega dwar dak l-incident;
7. illi anki l-persuna tax-xhud principali kien gie misjub hati dwar reati relatati mad-droga f'kaz separat u jidher li nghata privileggi meta gawda mill- beneficcju tal-artikolu 29 minn Qorti ohra meta mhux suppost sar hekk.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Nadine Sant**, li jinsabu kollha registrati w cioe' :-

1. illi apparti s-sejbien ta' htija b'verdett unanimu dwar l-ahhar erba' kapi, l- verdett ta' seba' kontra tnejn ghall-ewwel erba' kapi kien jirrifletti l-konvinzjoni tal-gurija dwar il-htija tar-reati dedotti;
2. illi kuntrarjament ghal dak li kien qed jissottometti l-abbli difensur, l-akkuza ma kienitx tirrrigwarda biss in-

nofs gramma eroina li ghaddiet bhala "*sample*" imma kwantita' ta' kilo eroina li kienet se jgib prezz ta' madwar €60,000 (LM25,000);
3. illi l-assocjazzjoni tal-hati ma saritx biss max-xhud Agius imma anki ma terzi injoti li ghadhom ma gewx identifikati w processati sal-lum u li kienu ghad jistghu jittraffikaw din id-droga bir-rizultat li jkun hemm elf vittma;
4. illi li kieku ma kienx ghall-ko-operazzjoni tax-xhud principali qatt ma kienu johorgu l-fatti veri dwar dan il-kaz u dan ix-xhud kien gie intimidat waqt il- kawza fl-aktar stadju vulnerabbli tieghu qabel ma ta x-xhieda tieghu biex ma jghidx kollox;
5. illi ma kienx dan ix-xhud biss li hassu intimidat mill-atteggjament tal-akkuzat ghax diversi membri tal-Korp mill-Assistent Kummissarju Harrison l-isfel – li wkoll ghandhom familja – hassew ruhhom intimidati f'xi zmien jew iehor mill- akkuzat;
6. li dan kollu gie kommess minn Pulizija li abbuza mill-gurament tal-hatra li kien ha w gab lil Korp kollu tal-Pulizija "*in disrepute*" u l-gustizzja trid isir ukoll mal-Pulizija f'dan il-kaz;
7. ghalhekk il-piena ghandha tkun fil-massimu taghha.

Qieset ukoll illi r-reati taht l-Ewwel u t-Tielet Kapi f'dan il-kaz partikolari, servew bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.

Qieset li l-piena ghar-reat ta' traffikar tad-droga eroina, meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta' prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2329.37 izda mhux izjed minn € 116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita' tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas ta' erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

Qieset ukoll li l-piena taht ir-Raba' Kap hija dik minn sitt xhur ta' tlett snin prigunerija.

Qieset ukoll li fil-kaz ta' l-ahhar erba' kapi ta' l-Att tal-Akkuza l-piena hija wahda pekunjarja illi tvarja minn wahda ta' multa ta' mhux inqas minn €116.47 izda mhux aktar minn €1164.69 fil-kaz tal-Hames u s-Sitt Kapi ghall-multa ta' mhux inqas minn €465.87 ghal kull ezemplari izda mhux izjed minn €2329.37 ghat-Tmin Kap li kif intqal qieghed f'konkors formali w idejali mar-reat taht is-Seba' Kap.

Qieset ukoll li skond l-artikolu 141 kull Ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel il-piena stabilita ghal dak ir-reat mizjuda bi grad.

Illi ghalkemm fil-parti narrattiva tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza tissemma l-konsenja tad-droga eroina fl-ammont ta' 0.59 grammi, dan il-Kap jibda biex jirreferi ghac-cirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap fejn, fil-parti narrattiva, jinghad illi l-hati kien ikkomunika ma' certu Jean Claude Agius u qallu li kien lest li jbieghlu kilo eroina bil-prezz ta' LM25 il-gramma w li huma ftiehmu li qabel ma jikkonkludu din l-operazzjoni kellhom jiltaqghu sabiex l-akkuzat iforni lil Agius b'"*sample*" tad-droga msemmija li kellha tigi ezaminata sabiex jigi verifikat jekk kienitx effettivament tiswa l-ammont li kien qed jitlob il-hati.

Ghalhekk id-droga in materia li taghha l-gurati sabet htija taht l-Ewwel Kap ma kienitx biss 0.59 grammi eroina imma l-ammont kollu li kien ser jigi traffikat kieku l-ftiehim sehh bil-kondizzjonijiet li nsistew fuqhom il-bejjiegha, liema kondizzjonijiet ma gewx accettati mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jikkontrollaw l-operazzjoni.

Ghalhekk mhix korretta s-sottomissjoni tad-difiza li ghaliex l-korp il-kbir tad-droga qatt ma nstab u ma giex esebit fil-kawza ma saritx assocjazzjoni ghat-traffikar tieghu w din il-Qorti trid bil-fors tikkalibra l-piena in relazzjoni mal-

volum tad-droga li kien qed jigi ppjanat li kien ser jigi traffikat

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] w fl-artikoli 120(2)(1), 115(b), 17, 23, 31, 141 u 533 tal-Kodici Kriminali w r-Regolamenti 12(1)(4) u 25 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenech Selvagg (Avviz Legali 146 ta' l-1993) ir-regolamenti 5(2) u 9(1)(2) tar-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Harsien ta' Rettili (Avviz Legali 76 ta' l-1992) u r-regolamenti 19(1)(a) u 39 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna w Abitati Naturali (Avviz Legali 257 ta' l-2003) tikkundanna lill-hati **Jean Pierre Abdilla** ghall-piena komplessiva ta' sittax (16) il-sena prigunerija fuq l-Ewwel Erba' Kapi tal-Att tal-Akkuza w erbghin elf Euro (€40,000) biss ghall-ewwel tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza, b'dana pero' li qed jinghad espressament li qed tinghata piena ghar-reat wiehed biss u cioe' ghat-Tieni Kap ta' traffikar stante l-assorbiment taz-zewg kapi l-ohra skond l-artikolu 17(h) f'dan il-Kap u bil-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b) bejn it-Tieni w ir-Raba' Kap kif ukoll tikkundannah ghall-multa komplessiva bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 ta' sitt mitt Euro (€600) ghar-reati taht il-Hames, is-Sitt u s-Seba' w t-Tmin Kapi tal-Att tal-Akkuza bl-assorbiment tal-piena tas-Seba' Kap fit-Tmin Kap minhabba l-konkors formali jew idejali li jezisti bejniethom. F'kaz li dawn il-multi ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar ohra prigunerija skond il-ligi w tikkundannah ihallas is-somma ta' mija w tmienja w erbghin Euros u tmienja w tletin centezmi (€148.38) rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------